KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2 – L-ERBGĦA, 10 TA' LULJU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 2.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

2.1.1 Ma kienx hemm.

## 2.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (2) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

2.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 2.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.3.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras aġġorna lill-Kunsillieri preżenti dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin mill-kuntrattur appuntat mill-Aġenzija Infrastructure Malta fi Triq Stefano Erardi, Triq il-Plejju, u Triq Alfons Marija Galea.

Informa li d-dewmien esaġerat fi Triq Stefano Erardi huwa dovut għal ċisterna rumana li nstabet waqt ix-xogħlijiet. Preżentement, il-Perit ta' IM qed tikkordina mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar *method statement* li ser jiġi applikat biex tissaqqaf din iċ-ċisterna biex eventwalment jingħata l-*wearing course* biex jiġi fi tmiem tiegħu dan il-proġett li nbeda fl-ewwel ġimgħa tas-sena l-ġdida.

Is-Sindku informa li huwa kien qed iżomm kuntatt dirett mall-Perit assenjat fuq dawn il-proġetti u l-ilmenti tar-residenti fuq it-tliet toroq residenzjali qed jiġu ndirizzati biex ikun minimizzat l-kull inkonvenjent.

Fir-rigward ta' Triq Alfons Marija Galea, is-Sindku informa li kellu laqgħa *on site* mall-Perit u l-Kuntrattur biex ikun determinat l-*alignment* tal-bankini l-ġodda li ser ikunu qed isiru bil-*concrete*. Informa li l-Kunsill kien ottjena l-permess mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex isir *partial parking on pavement*. Ikkonkluda li jekk il-Perit u n-nies tekniċi jaqblu fuq *alignment* differenti tal-bankina, allura jkun ifisser li *line marking* jispiċċa u l-vetturi ikunu jistgħu faċilment jipparkjaw taħt il-bankina sintendi mingħajr ma jostakolaw il-garages eżistenti.

Il-proġett ta' Triq il-Plejju miexi b'ritmu tajjeb u l-*issues* li kien hemm mar-residenti qed jiġu ndirizzati.

Ikkonkluda li l-Kunsill ser jibqa jagħmel monitoraġġ u jżomm laqgħat regolari mall-Perit u l-Kuntrattur fuq it-tliet proġetti biex jassigura li l-ilmenti tar-residenti jkunu mismugħa u ndirizzati fl-iqsar żmien possibbli.

2.3.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien imsejjaħ jattendi laqgħa mas-Sur Michael Cohen mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta dwar proposta biex jinbidel l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Erin Serracino Inglott. Il-proposta kienet sabiex Triq Erin Serracino Inglott tiġi disinjata bħala *two-way traffic*.

Is-Sindku għamilha ċara li huwa kien ser iżomm mall-pożizzjoni li kien ħa l-Kunsill f'leġiżlaturi preċedenti u cioè li Triq Erin Serracino Inglott tibqa disinjata bħala *one-way traffic* bil-vetturi jitilgħu fid-direzzjoni lejn San Ġwann. Is-Sindku informa li hemm raġuni ġustifikata għaliex il-Kunsill ser jibqa jżomm mall-pożizzjoni tiegħu għaliex ma jridx jagħti aktar aċċess għal *foreign traffic* fil-qalba tar-raħal apparti l-fatt li parti minn Triq Erin Serracino Inglott tiġi ristretta b'mod li tagħmilha diffiċli għall-immaniġġjar tat-traffiku.

L-Awtorità taqbel mar-raġunament tal-Kunsill Lokali u l-immaniġġjar tat-traffiku fl-imsemmija triq ser tibqa kif inhi.

2.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li ħa l-opportunità biex jitkellem dwar makkinarju goff li qed jgħaddi minn Triq Erin Serracino Inglott minkejja l-fatt li hemm is-sinjali tat-traffiku li jipprojbixxi makkinarju goff milli juża Triq Erin Serracino Inglott via San Ġwann. Is-Sindku talab l-assistenza tal-Awtorità f'dan ir-rigward. Wara diskussjoni dwar l-infurzar, ħarġet l-unika soluzzjoni sabiex jiġu stallati l-*cameras* mill-Kunsill u jkunu amministrati mill-Aġenzija LESA bħal ma hemm fi Triq Ġeronimo Abos. Is-Sindku ressaq ukoll proposta oħra għall-istallazzjoni tal-*cameras* fi Triq San Mikiel bl-iskop li nillimitaw l-aċċess għall-makkinarju b'eċċezzjoni għal min joffri servizz fil-lokalità. Kull min jagħti servizz fl-Iklin, għandu jottempra ma' proċedura stabbilita tal-Kunsill u jikseb permess mill-Kunsill. *Da parte* tal-Awtorità, is-Sur Michael Cohen ma jsibx oġġezzjoni biex jagħti *clearance* għall-istallazzjoni tal-*cameras*.

2.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras tkellem ukoll dwar is-sitwazzjoni fi Triq ir-Razzett l-Aħmar fejn din it-triq tintuża bħala *two-way traffic* u qed jinħoloq *chaos* minħabba li n-natura tat-triq ma titlobx li tintuża bħala *two-way traffic* minħabba li hija triq ristretta qalb ir-raba'. Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ikkummissjona lill-Perit tal-Kunsill biex iħejji rapport dwar titjib propost fl-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona u fejn dan ir-rapport kien sottomess għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Awtorità. Sfortunatament, il-proposta ma ġietx milqugħa. Is-Sindku reġa talab lill-Awtorità biex jirrikunsidraw dan ir-rapport għaliex is-sitwazzjoni iggravat biż-żieda sostanzjali ta' vetturi li qed jużaw l-imsemmija triq. Ikkonkluda li s-Sur Cohen min-naħa tal-Awtorità talab biex il-Kunsill jerġa jgħaddi dan l-istudju lill-Awtorità għal rikunsiderazzjoni.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk hux possibbli li jiġi stallat *two-way traffic light set*, simili għal dak li hemm fil-lokalità tal-Għargħur. Din is-sistema taf tkun is-soluzzjoni.

2.3.5 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Matthew Fenech talab sabiex issir diskussjoni dwar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq San Mikiel direzzjoni għall-Mosta peress li vettura trid toħroġ għal Triq in-Naxxar u tieħdok l-isfel ma' *roundabout* biex taqbad it-triq għall-Mosta. Il-Kunsillier żied jgħid li r-residenti li jirrisiedu f'dik iż-żona huma kollha affettwati u għalhekk talab biex il-Kunsill jagħmel proposta lill-Awtorità biex jispiċċa l-*bottleneck* ta' mar-*roundabout* u jsir reviżjoni biex it-traffiku li joħroġ minn Triq San Mikiel jikser mill-ewwel lejn iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija.

Is-Sindku wieġeb li din il-materja kienet ġiet diskussa fil-passat riċenti u l-ideja tal-immaniġġjar tat-traffiku eżistenti kien biex it-traffiku jew aħjar il-*flow* tat-traffiku jibqa miexi.

2.3.6 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Matthew Fenech talab biex issir reviżjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Stefano Erardi bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin peress li vetturi ġejjin minn Triq San Mikiel għal Triq Stefano Erardi, vetturi ħerġin mill-faċilità ta' parkeġġ pubbliku u vetturi ġejjin minn Triq il-Klin għal Triq Stefano Erardi kollha fl-istess direzzjoni. Studju biex issir reviżjoni u jiġu mplimentati sinjali adegwati tat-traffiku.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ikkonsulta mar-residenti taż-żona fil-bidu tal-leġiżlatura l-oħra u t-tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku fl-imsemmija triq ittieħdet a bażi deċiżjoni wara konsultazzjoni li saret mar-residenti. L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta approvat l-immaniġġjar tat-traffiku.

Ġie konkluż li fix-xhur li ġejjin jittella *item* fuq l-*agenda* dwar l-immaniġġjar tat-traffiku biex issir diskussjoni aktar wiesgħa biex ikunu jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet.

2.3.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien daħal ilment minn xi resident dwar *letting off* ta' *aerial fireworks* in konnessjoni mall-Festa ta' Ħal Balzan rigward ħsejjes eċċessivi tal-murtali. Talab biex il-Kunsill jistabilixxi minn fejn qed jinħaraq in-nar tal-ajru, jekk hemmx permess għall-ħruq tan-nar u jekk hemmx deskrizzjoni ta' x'tip ta' nar qed jinħaraq fil-permess. Il-Kunsill qed jinvestiga.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mario Fenech jikkonferma dak li rrefera għalih is-Sindku għax is-saħħa tal-murtali kienu fil-fehma tiegħu eċċessivi.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Uffiċċju kien ta *no objection* suġġett għall-permess u l-awtorizazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Żied jgħid li ta' kull sena, l-applikant jitlob *no objection* mill-Kunsill peress li s-sit minn fejn jitla s-salut jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-lokalità tal-Iklin. Żied jgħid li l-fatturi ewlenin kienu l-qies tal-murtali u d-direzzjoni tar-riħ.

2.3.8 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet dwar l-istallazzjoni ta' *speed hump* fi Triq Ġużè Pesci peress li l-proġett tat-triq kien tlesta u l-*ispeed hump* ma reġgħetx ġiet istallata.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill Lokali waqqaf lill-Aġenzija IM milli terġa timplimenta *speed hump* għall-fatt li r-residenti li jirrisiedu fl-immedjat kienu oġġezzjonaw minħabba l-ħsejjes li jiġġeneraw kull darba li vettura tgħaddi b'ċertu *speed* minn fuq dawn l-*ispeed humps*.

Is-Sindku ikkonkluda biex il-Kunsill jikkunsidra jimplimenta sinjali adegwati tat-traffiku li juru 30km/h f'toroq residenzjali u miżuri oħra ta' mitigazzjoni bħal Stop/Slow signs li jkunu viżibbli għas-sewwieqa.

2.3.9 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka wkoll dwar sitwazzjoni li hija rikorrenti f'ċertu toroq residenzjali fl-Iklin fosthom Triq Ċensu Bugeja u t-toroq immedjati. Kompla billi qal li l-Kunsill għamel diversi tentattivi biex tkun identifikata din id-diffikultà għaliex hija ta' inkonvenjent kbir għar-residenti li qed jiffaċċjaw din id-diffikultà. L-effett tal-*pollen* huwa evidenti u ċertament huwa ta' inkonvenjent kbir. Żied jgħid li minkejja li l-Kunsill kien involva lill-Pulizija u lill-Environmental Health Department for Health Regulation, sallum għadna ma wasalniex biex il-Kunsill jidentifika minn fejn ġejja d-diffikultà u soluzzjonijiet. Jifhem ukoll li n-natura tkun qed tagħmel ix-xogħol tagħha u fejn qabel ma kienet taffettwa lil ħadt għaliex L-Iklin kien fil-maġġor parti tiegħu raba', l-iżvilupp urban ħa post ir-raba' u llum qed niffaċċjaw ir-riperkussjonijiet.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Matthew Fenech stqarr li rridu niffaċċjaw ir-realtà u wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li allajħares li kellha tinqered in-naħla għax tispiċċa

d-dinja. Kompla billi qal li llum aktar minn qatt qabel, in-naħla hija protetta bil-liġi u kif qal tajjeb is-Sindku, in-naħla iddakkar fin-natura tagħha.

Wieħed jasal jifhem li hawn min irabbi n-naħal u iva jammetti li joħloq inkonvenjent kbir għax mhux faċli biex tneħħi dawk l-*ispots* sofor minn fuq vetturi, bjut u faċċati tar-residenzi u aktar però qabel ma kenitx evidenti għax ma kienx hawn wisq bini.

## 2.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

2.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn id-19 ta' Mejju u t-8 ta' Lulju 2024 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (19 May - 08 July 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 123 | 20/05/2024 | Bozza mitfija mall-ħajt quddiem 17,Triq S Erardi u c/w Triq Ċ Bugeja | Settled | Triq S Erardi and Ċ Bugeja | **ILC Contractor** |
| 124 | 20/05/2024 | Talba biex issir bozza ġdida fuq arblu eżistenti fis-service road ta' Triq Dun Karm | Settled | Triq Dun Karm | **ILC Contractor** |
| 125 | 17/05/2024 | Kurduna mkissra quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Ġ Abos | Settled | 73, Triq Ġeronimo Abos | **Council** |
| 126 | 17/05/2024 | Qed ikun hemm riħa ta' drenaġġ fi Triq Dwardu Cachia | Settled | Triq Dwardu Cachia | **W.S.C** |
| 127 | 24/05/2024 | Cover tal-ilma fuq bankina miksura | Pending | St Catherine's, Triq Ġ Abos | **W.S.C** |
| 187 | 24/05/2024 | Cover tal-ilma fuq bankina miksura | Pending | 5,Triq il-Ħwawar | **W.S.C** |
| 188 | 27/05/2024 | Talba biex issir road hump fi Triq Ġ Pesci c/w Triq M C Aquilina u terġa titwaħħal tabella one way | Pending | 18, Triq Mons C Aquilina c/w Ġ Pesci | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 189 | 31/05/2024 | Għal darb'oħra residenti minn Triq il-Wied qed jilmentaw li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-drive in għax ikun hemm il-karozzi pparkjati viċin u ma jarawx min ikun tielgħa | Pending | 57, Ariella, Triq il-Wied | **TM** |
| 190 | 03/06/2024 | Kaxxi tal-ħġieġ meħuda mill-kuntrattur ta' refuse collection | settled | 33 Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 191 | 03/06/2024 | Talba biex meta jagħmlu l-markings, il-motorcycle bay timxi għal quddiem it-20. | Pending | Triq Ġ Pesci | **COUNCIL** |
| 192 | 03/06/2024 | Derek/Geblandscaping mhux qed jiżbru s-siġar sew u li d-dwal tat-triq mhux jidhru sew fi Triq in-Naxxar | Pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 193 | 29/05/2024 | Road Patching in Triq G Locano, E Naudi, G Bonnici, Naxxar Road | settled | various | **COUNCIL** |
| 194 | 04/06/2024 | Talba biex isir *refreshing* tal-parking bays fi Triq Ċ Busuttil speċjalment quddiem no. 107 għax iċċaraw ħafna | settled | Triq Censu Busuttil | **COUNCIL** |
| 195 | 04/06/2024 | Toroq mixgħulin matul il-ġurnata u billejl mitfijin fosthom Triq G Abos, Triq C Bugeja u Naxxar Roaad fejn Ċimiterju | settled | various | **ENEMALTA** |
| 196 | 06/06/2024 | Ilment li reġgħu bdew it-tbajja s-sofor fl-inħawi tal-JB stores. Talba biex tinstab soluzzjoni | Pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 197 | 05/06/2024 | Wires imdendlin mall-faċċata ta' 74 Triq il-Klin | Pending | 74 Triq il-Klin | **ENEMALTA/Go plc** |
| 198 | 10/06/2024 | 2 Bozoz mitfijin mall-ħajt, 1 Lara Triq Ġ Callejja u G/ Calleja c/w Triq Dun Karm | settled | Triq G Calleja u Triq Dun Karm | **ILC Contractor** |
| 199 | 06/10/2024 | Water leakage quddiem Kristina, Triq L-Awrikarja | settled | Triq L-Awrikarja | **W.S.C** |
| 200 | 12/06/2024 | Ilment li meta saret il-ġabra tal-ħġieġ tħallew il-kontenituri quddiem 44 Triq A M Galea | settled | Triq A M Galea | **Waste collection** |
| 201 | 12/06/2024 | Biex tinkines u hemm ħaxix fuq bankina 35, Triq Ċ Bugeja | settled | Triq C Bugeja | **cleansing** |
| 202 | 15/06/2024 | Talba biex titnaddaf mill-ħaxix Triq Razzett L-Aħmar fejn Arblu tan NET | settled | Triq Razzett L-Aħmar | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 203 | 15/06/2024 | Talba biex issir road hump fi Triq Razzett l-Aħmar fejn il-barriera u oħra 'l isfel kif ukoll miżuri oħra | pending | Triq Razzett L-Ahmar | **COUNCIL** |
| 204 | 17/06/2024 | Wires imdendlin min arblu għall-binja ta' green grocer fi Pjazza Ninu Cremona | sent | Pjazza Ninu Cremona | **Go plc/ Enemalta** |
| 205 | 17/06/2024 | Talba għal doggy bin fi Triq Dun Karm, Service road, quddiem Eri's and Petlove | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 206 | 17/06/2024 | Kaptella miksura quddiem ir-residenza 159,Triq il-Wied | sent | Triq il-Wied | **Go plc** |
| 207 | 17/06/2024 | Bozza mall-ħajt mar-residenza 21 Triq P M Vella | settled | Triq P M Vella | **ILC Contractor** |
| 208 | 19/06/2024 | Talba biex jitbattal Doggy bin fi Triq P Grech | settled | Triq P Grech | **cleansing** |
| 209 | 19/06/2024 | Biex jinqata' ħaxix fi Triq Fredrick Borg | settled | Triq F Borg | **cleansing** |
| 210 | 21/06/2024 | Biex titranġa linja bajda quddiem garaxx 22, Triq Ġ Pesci u ssir korrezzjoni tal-marki | settled | Triq G Pesci | **Contractor** |
| 211 | 21/06/2024 | Talba biex jinqatgħu 'bushes' fil-bypass, il-parti li toħroġ minn Triq Ċ Busuttil u taqsam għan-naħa l-oħra | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 212 | 22/06/2024 | Talba biex isir xi dawl u traffic mirror f' Wesgħa JB Scicluna, quddiem Onyx apt. | Pending | Wesgħa JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 213 | 22/6/2024 | Skart mitluq fi Triq L-Awrikarja xkejjer u kartun maħmuġ | settled | Triq L-Awrikarja | **Waste Collection** |
| 214 | 22/06/2024 | Boroż tal-Cleansing ilhom quddiem garaxx fi Triq Mons Aquiilna | settled | Triq Mons Aquilina | **cleansing** |
| 215 | 24/06/2024 | Bozza mitfija fuq arblu L01328 ma 36, Edwinville, Triq il-Harruba | settled | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 216 | 24/06/2024 | Qattus mejjet 184/186 Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **cleansing** |
| 217 | 25/06/2024 | Leakage ta' ilma fi Triq R Taylor | sent | 11 Garage Triq R Taylor | **W.S.C** |
| 218 | 26/06/2024 | Talba għal traffic mirror faċċata ta, 12, Triq Ġ Abos għax qed tkun diffiċli biex joħorġu mill-garaxx | Pending | 12, Triq G Abos | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 219 | 26/06/2024 | Għalkemm tneħħa l-parking bay ta' quddiem id-dar tagħha fi Triq Mons P.P. Saydon, xorta l-karozzi baqgħu jipparkjaw u mhux qed tkun tista' toħroġ mid-drive | settled | Barbagann, Triq Mons P.P. Saydon | **COUNCIL** |
| 220 | 02/07/2024 | Ilment fuq infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq il-Wied c/w Triq Ħwawar | Pending | Triq Ħwawar | **PUBLIC HEALTH** |
| 221 | 04/07/2024 | Ilment fuq infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Għargħur c/w Sqaq Giarda | Pending | Triq Għargħur | **PUBLIC HEALTH** |
| 222 | 03/07/2024 | Ilment fuq kurduna miksura fejn 45 Triq G Abos | settled | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 223 | 03/07/2024 | Talba biex jinżabru l-Oleander ta' fuq il-bankini | Pending | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 224 | 06/07/2024 | Talba biex terġa issir sleeping policeman fi Triq P P Saydon | Pending | Triq P P Saydon | **COUNCIL** |
| 225 | 06/07/2024 | Talba biex issir xi pot kbira fuq bankina Triq Ġ Abos c/w Triq il-Klin quddiem St Catherine's għax qed jitilgħu fuq il-bankina bil-karozzi u se jtajru lil xi ħadd | Pending | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |
| 226 | 08/07/2024 | Boroż tal-iskart quddiem dar vojta 8, Triq Ċ. Bugeja | closed | Triq Ċ Bugeja | **COUNCIL** |
| 227 | 08/07/2024 | Ilment għax kuntrattur għalaq Triq A M Galea meta seta' ħalla one lane miftuħa | closed | Triq A M GAlea | **COUNCIL** |

## 2.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

2.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

2.5.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech, u Mary Grace Gusman.

2.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-fatturi kollha in konnessjoni mall-edizzjoni Festa Fjuri 2024 għal xiri ta' oġġetti/servizzi. Dawn ġew ikkunsidrati u approvati *nem con.*

(Doc. D anness)

## 2.6 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

2.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ma tellax korrispondenza dwar applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp.

## 2.7 RISPOSTA TAL-KUNSILL DWAR L-ABBOZZ TA' LEĠIŻLAZZJONI FUQ ENVIRONMENTAL PERMITTING ACT

2.7.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Konsulenti tal-Kunsill waqt din is-seduta sabiex jagħtu spjegazzjoni tat-tweġiba li ġiet sottomessa lill-ERA fid-dawl tal-leġiżlazzjoni li ġiet abbozzatta wara pressjoni li għamel il-Kunsill Lokali L-Iklin lill-Awtorità ERA u eventwalment fuq ordni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li tefa l-*onus* fuq l-Awtorità ERA biex tassumi r-responsabbiltà legali biex tirregola l-industrija. Is-Sindku qal li l-lokalità qed tgħix realtà bl-irwejjaħ xejn pjaċevoli irrilaxxati miż-żona industrijali fl-Iklin. Semma kif fil-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsill kien attiv biex jindirizza din il-materja tal-irwejjaħ tossiċi li huma potenzjalment ta' dannu għas-saħħa tal-persuna.

Is-Sindku ta *briefing* dwar il-ħidma li wettaq il-Kunsill matul il-leġiżlatura preċedenti anke għall-benefiċċju tal-Kunsillieri l-ġodda eletti fejn stqarr li grazzi għall-Kumitat li twaqqaf *ad hoc* taħt il-kappa tal-Kunsill li kien effettiv biex illum wara ħafna pressjoni, għandna f'idejna abbozz ta' leġiżlazzjoni biex tirregola din l-industrija. Inżammu numru ta' laqgħat għall-komunità tal-Iklin, laqgħat mal-ERA, twaqqaf Kumitat fi ħdan il-Kunsill, ġie kkummissjonat studju xjentifiku minn Environmental and Industrial Chemist, rapport li ġie analizzat u spjegat lir-residenti, laqgħat mall-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti, laqgħat mall-Onor. Ministru Dott. Miriam Dalli biex fi Frar li għadda ġiet abbozzata leġiżlazzjoni dwar l-Environmental Permitting (Procedure for Applications and their Determination).

Żied jgħid li l-Kunsill ma waqafx hemm iżda grazzi għall-ħidma unanima fil-Kunsill se nkunu qed naraw li din il-leġiżlazzjoni tkun waħda b'saħħitha qabel ma tidħol fis-seħħ.

Kien għalhekk li l-Kunsill talab lill-Konsulenti tiegħu biex niflu din il-leġiżlazzjoni biex nassiguraw li ma jitħallewx *loopholes* b'mod li tagħti lok għall-interpretazzjoni iżda tkun liġi riġida, b'saħħitha li tħares l-ambjent tal-madwar u s-saħħa tal-persuna. Kif spjega tajjeb il-Konsulent, il-Kunsill talab biex jiġu ċċarati numru ta' kjarifiċi u sabiex isiru emendi importanti oħra kif ser jispjegaw il-Konsulenti tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott Sciberras stqarr li l-liġi minnha nnifisha ma tolqotx biss l-impjanti tal-asphalt u wera t-tħassib serju tiegħu li fil-bidu ta' din il-liġi bħal donnu dak li hemm eżistenti jiġifieri kien qed jirreferi għall-impjant li għandna fl-Iklin ma jidħolx eżattament fil-kwadru ta' dan l-abbozz u għalhekk qed jesiġi li għandu jkun hemm emendi/ammendi neċessarji b'termini u kundizzjonijiet għal min qiegħed diġa jopera f'din l-industrija. Informa li t-tweġiba li ġiet ippreparata mill-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tal-Konsulenti ġiet ukoll mgħoddija lir-residenti kollha li jirrisiedu fl-Iklin biex ikunu infurmati b'dak kollu li huwa għaddej.

Imbagħad għadda l-kelma lill-Konsulenti sabiex issir il-preżentazzjoni bi preparazzjoni għal-laqgħa li l-Kunsill ser ikun qed jitlob fl-immedjat mall-Awtorità ERA biex naraw x'ser tkun ir-reazzjoni tal-ERA dwar l-emendi/ammendi kif proposti mill-Kunsill.

2.7.2 Il-Konsulent beda l-preżentazzjoni tiegħu billi stqarr li l-ERA tista tikkontrolla l-operat fejn l-operatur għandu jkollu obbligu li jopera b'mod li ma jdejjaqx lir-residenti. Jidher li l-kumpannija in kwistjoni applikat għal Environmental Permitting. Wieħed jifhem li din il-kumpannija bdiet topera taħt il-qafas tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-bini tal-impjant snin ilu. Jidher ukoll li skont il-website tal-ERA hemm applikazzjoni EP/01119/23 għal Environmental Permitting dwar dan l-impjant.

Dwar din l-applikazzjoni, il-Kunsill qed jitlob lill-Uffiċċjali tal-ERA biex tispjega dwar kif ser jirregolaw dan il-proċess, kif ser tipproċedi dan il-każ, u talba għal spjegazzjoni dwar kif se jikkontrollaw l-operat. Fit-tweġiba li ħejja l-Kunsill kien mitlub lill-ERA tgħidilna f'liema stadju waslet din l-applikazzjoni għaliex hija kruċjali u jekk il-Kunsill Lokali hux ser ikollu l-opportunità biex ikun involut fil-proċess.

Il-Konsulent saħaq li biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Kunsill, irid li l-Kunsill ikollu aċċess għall-monitoraġġ. Il-Kunsill irid ikollu sehem fil-*monitoring plan*. L-għan tal-Kunsill għandu jkun li l-Awtorità ERA taġixxi u jkollha l-mezzi biex tinforza.

Il-Konsulent spjega li l-Kunsill għandu tliet xenarji fil-mod ta' kif dawn ir-regolamenti jirrelataw mall-impjant tal-asphalt, u dawn ix-xenarji differenti jitolbu mistoqsijiet dwar kemm huma effettivi r-regolamenti biex jiġu ndirizzati il-konċernament dwar l-impatti ambjentali fuq dan l-operat:

L-ewwel xenarju jispjega illi jekk l-Environmental Permit joħroġ mill-ERA qabel ma r-regolamentazzjoni tidħol fis-seħħ, allura f'dan il-każ ma jkunx hemm l-opportunità fejn ir-residenti u l-Kunsill Lokali jkunu involuti fid-deċiżjoni. Jekk ikun dan il-każ, il-Kunsill Lokali u r-residenti ikunu jiddependu biss mill-Awtorità ERA li tkun ħarġet il-permess mingħajr il-benefiċċju li wieħed jifhem l-impatti li qed jikkonċernaw lir-residenti u kif dawn l-impatti jistgħu jiġu mitigati.

It-tieni xenarju jispjega illi jekk dawn ir-regolamentazzjoni jidħlu fis-seħħ qabel ma jinħareġ l-Environmental Permit mill-Awtorità kompetenti, allura f'dan il-każ, jippermetti li l-Kunsill Lokali u r-residenti ikollhom sehem fil-proċess tad-deċiżjoni. Fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li ġiet imsejħa mill-Awtorità ERA ta' nhar id-9 ta' April u fejn il-Konsulenti tal-Kunsill kienu preżenti għaliha f'isem il-Kunsill Lokali L-Iklin, l-Uffiċċjali tal-ERA infurmaw li l-opportunità li l-pubbliku jkun jista jippartecipa ikun jiddependi f'liema stadju tkun waslet din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qed jisħaq li għandu jiġi kkonsultat qabel ma' l-permess ikun proċessat.

It-tielet xenarju jispjega kif l-applikant jista jieħu vantaġġ mit-*timeframes* li jippermettu r-regolamenti, billi l-applikant jista jwaqqa' l-*Environmental Permit Application* kif jippermetti r-regolament 2(3) fejn isemmi illi '*fejn jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li operat, intervent jew attività speċifikata fit-Tieni Skeda ta' dawn ir-Regolamenti, kienet diġà qiegħda tiġi eżerċitata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti, tali operazzjoni, intervent jew attività tista' titqies bħala operat, intervent jew attività konsentata mill-Awtorità bla ħsara għal dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi.*'

F'ċertu istanzi, jista jagħti l-każ li ma jkunx hemm Environmental Permit li jirregola l-impjant għal erba' snin, mingħajr l-opportunità li l-Kunsill ikun jista jappella l-*clearance* tal-ERA, fejn skont l-abbozz m'hemmx dispożizzjoni biex il-Kunsill ikun jista jappella, u mingħajr l-opportunità qabel dawk l-erba' snin li r-residenti jkunu jistgħu jissottomettu rappreżentazzjoni formali fuq l-operat, u sabiex l-Awtorità ERA tassigura li jittieħed kont dovut tal-kwistjonijiet imqajma.

Il-Konsulent ikkonkluda li huwa kruċjali li l-Kunsill jistaqsi lill-Awtorità f'liema stadju waslet l-applikazzjoni EP/01119/23, u jekk hux ser ikun hemm l-opportunità li r-residenti u l-Kunsill ikunu involuti fil-proċess tad-deċiżjoni fl-applikazzjoni tal-Environmental Permit. It-tieni mistoqsija kienet tittrata dwar kif l-Awtorità ERA ser tassigura li l-konċernament tar-residenti ser jiġu kkunsidrati mall-ħruġ tal-*Environmental Permit* fil-każ li l-permess joħroġ qabel ma jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

Il-Konsulent qed jisħaq li għandu jkun hemm tal-anqas *set of terms & conditions* li japplikaw dejjem għal dan is-settur. Kien għalhekk importanti li l-abbozz jiġi studjat u ċertu termini jiġu ċċarati mall-Awtorità.

2.7.3 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet min-naħa tal-Kunsillieri.

2.7.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech irrimarka li jidher li hemm xenarji differenti fejn spjega li tagħmel differenza jekk l-irwejjaħ li qed jiġu kkawżati minn dan l-impjant hux minħabba żejt maħruq jew mod ieħor. Staqsa jekk il-Kunsill tkellimx ma' espert fuq din il-materja għaliex fil-fehma tiegħu, l-irwejjaħ mhux pjaċevoli fuq L-Iklin jaffettwa l-aktar meta d-direzzjoni tar-riħ tkun bil-grigal. F'dak il-każ, l-irwejjaħ ser jinxtammu fuq il-lokalità tal-Iklin u żied jgħid li fortunatament, dan it-tip ta' riħ mhuwiex komuni daqskemm huwa r-riħ bil-Majjistral. F'dak il-każ, ser ikunu lokalitajiet ġirien li jkunu affettwati.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill kien ikkummissjona lill-espert f'dan il-qasam Environment & Industrial Chemist biex jagħmel studju xjentifiku biex naraw jekk l-emmissjonijiet humiex jeċċedu *limit values* stabbiliti bl-A.L. 478 tal-2010.

2.7.5 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman għamlet riferenza għall-perjodu ta' erba snin kif qed isemmi r-regolament li kif aċċenna is-Sindku fil-bidu ta' din id-diskussjoni, iż-żmien huwa twil wisq u għaldaqstant qed tistaqsi illi jekk fl-eventwalità li tidħol fis-seħħ din il-liġi, u l-operatur ma jkunx konformi mat-termini u l-kundizzjonijiet, hemmx saħħa legali biex l-operatur jikkonforma ruħu ma' kundizzjonijiet li timponi l-Awtorità fi żmien raġjonevoli. Staqsiet ukoll jekk il-Kunsill jistax jimponi kundizzjonijiet speċjalment jekk l-irregolaritajiet ikunu ta' detriment għas-saħħa tal-persuna/i.

2.7.6 Il-Konsulent wieġbet illi biex wieħed japplika għall-permess hija waħda fuq bażi volontarja u jekk l-applikant jissottometti l-applikazzjoni għall-Environmental Permitting fit-tielet sena, diġa jkunu ntilfu tliet snin.

Imbagħad hemm ukoll il-punt illi jekk dan il-permess EP/01119/23 jibqa jiġi pproċessat, il-Kunsill ikun jista jistaqsi dwar *Improvement Programme* biex ċerta *issues* li jkunu jirrigwardaw l-ħruġ ta' emmissjonijiet biex naraw li ikunu *within the limit value* kif stabbilita mill-EC Directive, jista jintalab dan. Il-Konsulent saħaq li huwa kruċjali li l-Kunsill jistaqsi f'liema stadju tal-proċess waslet din l-applikazzjoni.

2.7.7 Il-Kunsillier Mario Fenech ikkummenta li l-fatt li f'idejna illum għandna qafas leġiżlattiv, hemm rieda u l-impenn tal-Awtoritajiet biex din l-industrija tkun regolata.

2.7.8 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras talab biex issir laqgħa fl-immedjat ma' CEO tal-Awtorità ERA biex iwieġbu għal kjarifiċi li qed jagħmel il-Kunsill, l-emendi proposti min-naħa tal-Kunsill u jwieġbu għad-domandi li ppreżenta l-Kunsill dwar l-istatus tal-applikazzjoni ta' Bitmac u dwar kif l-Awtorità ser tassigura li l-konċernament tar-residenti ser jiġu ndirizzati mall-ħruġ tal-Environmental Permit.

2.7.9 Imbagħad is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo sabiex tiġi organizzata Konferenza għas-Sindki tal-lokalitajiet ġirien li jinkludu Ħal Lija, Ħal Balzan, Naxxar, Għargħur, Swieqi, u San Ġwann bil-għan li tissaħħaħ il-vuċi tal-Kunsill fuq din il-kwistjoni komuni għall-ġid tal-komunitajiet tagħna.

L-ideja wara din il-Konferenza huwa sabiex is-Sindki ta' dawn il-lokalitajiet flimkien jiddiskutu s-sitwazzjoni fejn il-*focus* primarju jkun dwar l-effetti tad-dħaħen tossiċi u kif il-Kunsilli flimkien ser jaħdmu biex il-lokalitajiet tagħna jkollhom kwalità ta' arja nadifa bl-iffirmar ta' *Memorandum of Understanding* u sintendi t-triq 'il quddiem. Is-Sindku qal li l-iskop ta' din il-Konferenza għandu jkun biss biex din l-industrija ma tkunx ta' dannu fuq is-saħħa tal-persuna, 'il bogħod mill-politika partiġġjana u m'għandux għalfejn tkun mistiedna l-*press*.

2.7.10 Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

2.7.11 Kien deċiż li l-Konferenza tiġi organizzata preferibilment fl-Iklin. Data u ħin tal-Konferenza jkunu imħabbra fil-jiem li ġejjin.

2.7.12 Is-Sindku Dott Sciberras talab lill-Kunsill biex il-Kumitat li twaqqaf *ad hoc* dwar din il-materja jerġa jkun ikkonfermat bl-istess membri ladarba dawn il-persuni taw il-kontribut sħiħ tagħhom u kienu strumentali biex illum wasalna biex il-Kunsill qed jiddiskuti abbozz leġiżlattiv 'Regolamenti tal-2024 dwar il-Permessi Ambjentali (Proċedura tal-Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva)

2.7.13 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk hemmx xi oġġezzjoni jew proposti oħra dwar il-formazzjoni ta' dan il-Kumitat.

2.7.14 Il-Kunsillier Matthew Fenech ressaq proposta sabiex ikun hemm membri ġodda fuq dan il-Kumitat għaliex jemmen li persuni ġodda ser iressqu opinjonijiet differenti u jħoss li tkun *healthy*.

Is-Sindku Dott Sciberras qal li hu kien jaqbel li jkun hemm il-kontinwità għal sempliċi fatt li dan il-Kumitat kien wieħed effettiv u grazzi għal dan il-Kumitat, il-Kunsill irnexxielu jagħmel passi kbar 'il quddiem dwar din is-sitwazzjoni. Ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jikber in-numru tal-membri fuq dan il-Kumitat u stieden lill-Kunsillieri preżenti sabiex sa seduta oħra jinnominaw persuna/I li jistgħu joffru mill-ħin u l-kapaċitajiet tagħhom biex il-Kunsill ikompli jaħdem biex jinstabu s-soluzzjonijiet.

2.7.15 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-membri tal-Kumitat jerġgħu ikunu kkonfermati filwaqt li l-Kunsill ser ikun miftuħ li jilqa persuni interessati biex ikunu fuq dan il-Kumitat.

## 2.8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

2.8.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu 2024 fil-5.30 pm.

2.8.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Awwissu 2024 fil-5.30 pm.

2.8.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.15 pm.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv